ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 36 IT-TNEJN, 6 TA' NOVEMBRU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsllier
Robert Reno Cremona – Kunsillier (attenda fis-7.25pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**36/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**36/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** spjega li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**36/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 35**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 35 li nżammet nhar it-Tnejn 2 ta' Ottubru 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 34 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**36/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**36/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li f'laqgħa li kellna mas-Segretarju Parlamentari Dr Clifton Grima ġie rrapurtat li fl-Isports and Fitness Park qed ikun hemm ħafna ilmenti ta' bzonn ta' manutenzjoni li jdumu biex jiġu rranġati. Il-Kunsill wera l-interess li dan il-Park jiġi mgħoddi lill-Kunsill bil-kundizzjoni li jingħata l-fondi għalih. Is-Segretarju Parlamentari iddelega lill-Agent Kap Ezekuttiv ta' Sportmalta biex jiddiskuti mal-Kunsill Lokali dwar din il-materja.

**36/03/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li l-attivita' fl-okkażjoni tal-marċ tal-Milied se jsir fit-2 u 3 ta' Diċembru fejn se jinġabru fondi b'risq l-Istrina.

**36/03/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li se ssir Konferenza Stampa dwar il-Key Performance Indicators li għamel l-Kunsill Lokali Ħal Qormi fejn kien l-ewwel Kunsill li għamel dan ir-rapport. Għal din il-Konferenza Stampa se

jattendi s-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis.

**36/03/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li Jum Dinji għat-Tfal se jsir fit-22 ta' Novembru fil-Palazz tal-Verdala, fejn l-Aġent President ta' Malta, se tkun qed tattendi fl-10.00am.

**36/03/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-lokalita' tagħna intagħzlet biex jingħata l-fondi ta' Eur30,000 biex jintuzaw għall-*Urban Greening Project* imniedi mill-Ministeru tal-Ambjent. Il-Kunsill se jkun qed jipprepara l-pjan ta' siġar li se jitħawwlu sabiex jiġi approvat mill-PARKS qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim.

**36/03/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li t-tindif tal-Widien tlesta u qegħdin nistennew statistika dwar kemm il-tunnellata ta' materjal inġabar mill-widien.

**36/03/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq stedina mill-UDITE għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju *European Label of Governance Excellence* ġewwa Spanja fis-7 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel unanimament li għal dan il-premju jmorru s-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegata li ħadmet fuq dan il-proġett.

**36/03/08** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza dwar PA1604/17 fejn ġie ppropost li n-niċċa li ġiet maqlugħa minn ma' dan il-bini skont il-permess, tiġi rilokata fir-roudabout tal-istess triq. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li din in-niċċa tiġi rilokata f'din ir-roundabout għas-spejjez tal-izviluppatur izda jeħtieġ li jkun hemm aktar diskussjoni dwar id-disinn.

.

**36/03/09** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq ittra mill-Għaqda Armar San Sebastjan fejn talbu li jiġu rilokati il-gabbani li hemm mad-dawra tal-Knisja fi zmien il-festa ta' San Sebastjan. Il-Kunsill ma qabilx li gabbani jitpoġġew man-naħa ta' fejn joqogħdu r-residenti u se jitlob li ssir proposta mill-ġdid.

**36/03/10** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, dwar talba biex il-Kunsill jippubblika konġuntament magħhom pubblikazzjoni dwar l-istorja tal-Kumitat tagħhom. Il-Kunsill se jkun qed jevalwa din it-talba aktar 'il quddiem.

.

**36/03/11** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri fejn il-Kunsill se jkun

qed jressaq it-talba lill-Enemalta biex jitressaq bracket tad-dawl kif ukoll fanal. Il-Kunsill izda ma jistax jgħin finanzjarjament biex jinxtara pavaljun.

36/03/12 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mis-sidien tal-kirja tal-gabbana tal-Kunsill fi Ġnien De La Cruz fejn talab li l-kirja tal-gabbana tibda minn meta l-Kunsill għadda l-licenzja fuqhom u dan peress li ma setax jopera qabel dan iz-zmien. Il-Kunsill qabel unanimament u għaldaqstant għandhom jinħarġu credit notes u l-kirja għandha tibda mill- 1 ta' Lulju 2017.

.

36/03/13 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq offerta mingħand TCTC biex il-Kunsill jorganizza korsijiet ta' kompjuter lill-adulti bl-isem ta' EM Citizen & EM Health. Il-Kunsill approva.

36/03/14 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza minn Light Blue Ltd dwar possibilta' li jitpoġġa bank tal-ħwejjeġ ieħor fil-lokalita'. Il-Kunsill iddeċieda li jitpoġġa fi Triq il-Wied.

.

36/03/15 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li r-Reġjun Nofsinhar għadu kemm approva is-somma ta' Eur5,000 għal kull lokalita' għall-manutenzjoni ta' bankini.

**36/03/15 F'dan l-istadju tal-laqgħa (7.25pm) attenda il-Kunsillier Robert Cremona.**

## 36/04 RAPPORTI

### 36/04/01 COUNCIL OF EUROPE: STRATEGY FOR INNOVATION AND GOOD GOVERNANCE AT LOCAL LEVEL

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan id-dokument bl-istrateġija għall-innovazzjoni u l-governanza fuq livell lokali mill-Kunsill tal-Ewropa. **DOK 'B1'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jikkommetti ruħu biex iħaddan it-tnax-il prinċipju ta' good democratic governance tal-istrategija tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Innovazzjoni u l-Governanza fuq livel Lokali .

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**36/04/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART TAS-SENA SA' 30 TA SETTEMBRU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart li jkopri sal-aħħar ta' Settembru 2017. Huwa kompla li fl-ewwel disa' xhur tas-sena l-Kunsill għandu *Financial Situation Indicator* pożittiv ta' 30%. **DOK 'B2'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart sa' 30 ta' Settembru 2017 ġie approvati** u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**36/04/03 APPROVAZZJONI TAL-INNOVATION APPROACH DOCUMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence **DOK 'B3'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li għandu jibda jibda jiġi implimentat.**

**36/04/04 APPROVAZZJONI TAL-CULTURAL DIVERSITY PLAN**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence.

**DOK 'B4'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li għandu jibda jibda jiġi implimentat.**

**36/04/05 APPROVAZZJONI TAL-LOCAL PLAN FOR CHILDREN, YOUNG PEOPLE AND FAMILIES**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence **DOK 'B5'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li għandu jibda jibda jiġi implimentat.**

**36/04/06 APPROVAZZJONI TAS-SUSTAINABLE DEVELOPMENT PLAN**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence.

**DOK 'B6'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li għandu jibda jibda jiġi implimentat.**

**36/04/07 APPROVAZZJONI TAL-SKILLS AUDIT AND TRAINING NEEDS ANALYSIS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence **DOK 'B7'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li għandu jibda jibda jiġi implimentat.**

**36/04/08** **APPROVAZZJONI TAL-CUSTOMER CARE INTERNAL TRAINING MANUAL**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li dan ir-rapport sar in vista tal-applikazzjoni tal-Kunsill għal European Label of Governance Excellence.

**DOK 'B8'**

**Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li għandu jibda jibda jiġi implimentat.**

**36/05** **RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**36/05/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** semma li l-attivita' li saret fit-22 ta' Ottubru, l-mixja bl-annimali kienet suċċess u se tkun qed tidħol fil-kalendarju tal-Kunsill.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** infurmat lill-Kunsill li se tiġi organizzata taħdita dwar id-Diabetes fis-27 ta' Novembru filwaqt li l-attivita' dwar *Health check ups* se ssir fit-2 ta' Diċembru fuq iz-zuntier tal-Knisja San Sebastjan.

**36/06** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ottubru 2017
**b)** *Bank Payments* Ottubru 2017
**c)** *Petty Cash* Ottubru 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**36/08 MOZZJONIJIET**

**36/08/01 MOZZJONI 61/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden **lill-Kunsillier Renald Falzon** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Peress li l-Kunsill Lokali qiegħed jaħdem qatigħ biex ittaffi l-problema ta' traffiku u jissalva gwardja s-saħħa tas-sewwieqa u r-residenti.*

*Nipproponi biex Triq il-Blata int u nieżel minn ħdejn il-Kappella ta' Santa Marija, il-vetturi li jkunu niżlien għall-wied iduru u jgħaddu fuq in-naħa tal-lemin u mhux jibqgħu nieżlin it-triq kollha sa wara l-lights jew aħjar sal-banka tal-lottu (hekk kif qiegħed nindika fil-pjanta hawn taħt); l-aħħar parti ta' Triq il-Blata isir NO ENTRY.*

**DOK 'D1'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 61/2017.

**36/08/02 MOZZJONI 62/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali ikun qed jipparteċipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;*

*Biex ikompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet lokali; Nipproponi biex bħalma għamel fis-snin preċedenti l-Kunsill Lokali jidħol fi ftehim :-*

*mal-Għaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan;*

*mal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira/ Pjazza San Franġisk;*

*mal-Kumitat Festi Esterni sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira/Triq il-Blata*

*mal-Għaqda Soċjo Muzikali Anici sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Ġwakkin Schembri u l-madwar*

*Fejn il-Kunsill ihallas tal-ispejjeż involuti bl-istess arranġamenti tas-sena l-oħra.*

**DOK 'D2'**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 62/2017.

**36/08/03** **MOZZJONI 63/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden **lill-Kunsillier Renald Falzon** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Il-KunsillLokali Ħal Qormi huwa kommess li jagħmel dak kollu possibli biex innaqqas t-traffiku u l-periklu għas-sewwieqa.*

*Għaldaqstant qiegħed nressaq din il-mozzjoni biex il-Kunsill jiddiskuti mat-TM biexTriq il-Mitħna int u dieħel għal Pjazza San Franġisk tingħalaq, tiġi No Entry bejn 07.00am u 09.00am, għal-vetturi li deħlien u minflokk jgħaddu jew minn ġol-Wied għat-Triq il-Blata jew minnTriq San Pawl.*

**DOK 'D3'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 63/2017.

**36/08/04 MOZZJONI 64/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex il-membri tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-offerti msemmija hawn taħt ikunu ffurmati hekk:*

***Sejħa għall-Offerti għal Konsulent Legali tal-Kunsill***
*Chairperson : Sindku*
*Segretarju: Segretarju Ezekuttiv*
*Membri: Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Marvin Zammit*

***Sejħa għall-Offerti għal Perit tal-Kunsill***
*Chairperson: Sindku*
*Segretarju: Segretarju Ezekuttiv*
*Membri: Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon*

**DOK 'D4'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 64/2017.

**36/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 4 ta' Diċembru 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 4 ta' Dicembru 2017.**